FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tas-26 ta' Ġunju 2019**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Angelo Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet imressqa kontra Angelo Xuereb, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 144568M li permezz tagħhom ġie akkużat li nhar l-14 ta' Frar 2004, għall-ħabta ta' 3.00p.m fi Triq il-Katakombi Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, bil-ħsieb li tikkommetti delitt, u ċioe' serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jiskorri Lm 100 iżda anqas minn Lm1,000 għad-detriment ta' Dominic Żammit, urejt dan il-ħsieb b' atti esterni u tajt bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tiegħu.

Rat id-dokumenti pprezentati.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha moghtija quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta.

Semghet trattazzjoni.

Rat li din il-kawza tinsab differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Pulizija vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et deċiża fil-25 ta' Settembru, 2015, fejn ġie sottomess li minkejja għalkemm il-Maġistrat il-ġdid li ser jiddeċiedi l-kaz mhux ser ikollu l-opportunità li jisma' mill-ġdid ix-xiehda li nġiebet mill-prosekuzzjoni u li diġà nstemgħet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif diversament komposta, b'daqshekk ma jfissirx li d-dritt fondamentali għas-smigħ xieraq tal-appellanti ġie jew ser jiġi miksur.

Intqal li jrid neċessarjament jittieħed qis tal-istadju odjern tal-proċeduri kriminali fejn minkejja li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha, l-appellanti (**bħal l-imputat f' dan il-każ**) għadhom fi stadju fejn għandhom l-opportunità sħiħa li jressqu x-xhieda li jixtiequ jressqu, jagħmlu kontro-eżami tax-xhieda ġia prodotti mill-Prosekuzzjoni kif ġia kellhom l-opportunità li jagħmlu appena ġew prodotti jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom lill-Qorti ta' kompetenza kriminali li ser tiġġudikahom.

F' dan l-istadju, l-imputat għażel li ma jixhidx u ma jressaqx provi oħra u l-partijiet għaddew biex jagħmlu s-sottomissjonijiet finali tagħhom qabel din il-Qorti tgħaddi għas-sentenza tagħha.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jiskorri Lm 100 ekwivalenti għal EUR 232.94c izda anqas minn Lm 1,000 ekwivalenti għal EUR 2,329.37c.

Fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Jannar, 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija [Spettur Sandra Zammit] vs Clifford Camilleri deciza fis-7 ta' Jannar 2013 intqal li l-elementi biex jissussisti r-reat ta' serq huma ben stabbiliti. Saret referenza ghal Notes on Criminal Law Vol II pagna 269 fejn il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

> *our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*

Intqal ukoll:

*Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet Pulizija vs John Galea deciza fil-31 ta' Jannar 2003 stabbiliet li:*

*Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara [op.cit. Vol. I , para. 2035]:-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-Crivellari jghid :-*

*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-

*"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

u aktar ' isfel :-

*"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma*

*qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs. John Vella deciza fid- 19 ta' Novembru 2015, intqal:

*"Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn Carrara fil-Programma Speciale vol IV para 2017 - vide s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Tanti (Vol XXXII(e) IV/814) deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 fejn sar referenza ghal dak li jghid il-gurist Carrara:-*

*Il-Carrara jghid:*

*"il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

*Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid ikun hemm l- elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe':*

*1. il-contrectatio tal-haga,*

*2. li tappartjeni lil terzi,*

*3. maghmula b'mod frawdolenti,*

*4. minghajr il-kunsens tas-sid, u*

*5. animo lucrandi.*

*Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-contrectatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti, irridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-*

*dannu ta' terzi. Huwa mportanti sine qua non biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-tehid tar-res aliena izda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontracettazzjoni mhix bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia.*

*Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jghid Manzini presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'ghandux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, min jiehu dan l-oggetti ma jistax jinstab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia gie spjegat fil-kawza Il-Pulizija v S. Pisani - deciza nhar id-dsatax ta' Frar, 1942, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccezzjonali jista jkun prezunt, u allura l-buona fede tal-awtur tal-contrectatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew barswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.*

*Carrara jghid:*

*"avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."”*

Dwar l-aggravvju tal-mezz, l-artikolu 263 tal-Kap 9 jistipola li s-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" -
(a) meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata;
(b) meta l-ħalliel jiżbogħ wiċċu, jew jilbes maskra jew għata oħra tal-wiċċ, jew jagħmel xi tibdil ieħor fl-ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jagħmel is-serq, jieħu t-titolu jew il-libsa ta' uffiċjal ċivili jew

militari, jew jippretendi li għandu ordni maħruġ minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex igħinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-ħalliel

Dwar l-aggravvju tal-valur, l-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali jistipola li s-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa udisgħin ċenteżmu (232.94).

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reat moghti lill-imputat jirrizultawx jew le.

Fil-kaz odjern, xehed ix-xhud okulari John Mary Zammit li fix-xhieda tieghu moghtija fit-13 ta' Lulju 2005, huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien ra fil-kamra antika li l-familja tieghu ghandha fin-naha ta' wara tad-dar. Huwa xehed li kien gharaf lill-imputat anke meta gie msejjah mill-pulizija biex imur l-għassa:

> "*Nghid illi jien dan ir-ragel qed naghrfu bħala l-imputat preżenti fl-Awla. Wara siegħa ċempluli l-pulizija u ngħid illi l-imputat kien qiegħed preżenti fl-Għassa. Staqsewni jekk hux din il-persuna u jien identifikajtu.*" (xhieda mogħtija minn John Mary Zammit) fit-13 ta' Lulju 2005).

L-istess John Mary Zammit xehed li ra lill-imputat ġewwa kamra antika li l-familja tiegħu għandhom man-naħa ta' wara tad-dar u li dan ħareġ kenur antik u oġġett ieħor antik minn din il-kamra. L-istess Zammit xehed li huwa kien waqqfu u staqsih x' kien qed jagħmel u dan kien wieġbu li ma kien ħareġ xejn filwaqt li beda miexi lejn karozza pparkjata fil-bogħod. Dominic Zammit xehed wkoll fis-seduta ta' l-24 ta' jannar 2005 fejn ikkonferma li meta mar fl-ambjenti in kwistjoni, huwa nnotat li l-bank tas-sagristija li kien ġab minn San Pawl il-Baħar kien ittieħed u kien sab wkoll il-kxiexen ta' dan il-bank ippreparati quddiem il-bieb tal-garaxx biex jittieħdu.

Il-Qorti tqies li minn eżami tax-xhieda prodotta, hija tinsab konvinta li l-Prosekuzzjoni ressqet provi lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli dwar din l-imputazzjoni ta' attentat ta' serq da parti ta' l-imputat. Tenut kont tal-provi miġjuba, il-Qorti hija tal-fehma li jezistu

ragunijiet bizzejjed ghal biex l-imputat jigi misjub hati talli kkommetta attentat ta' serq.

Dwar l-aggravvju tal-mezz, din il-Qorti sejra tagħti piż lix-xhieda mogħtija mill-istess John Mary Zammit fit-13 ta' Lulju 2005 fejn dan qal li:

> *"Nixtieq nippreċiża illi din il-kamra li minnha ppreleva l-imputat l-oġġetti li semmejt din hija kamra antika li qegħda biswit iż-żewġ garaxxijiet tagħna u ngħid li f' din il-kamra aħna nżommu affarijiet fiha. Nixtieq ngħid illi d-dar tagħna hija magħluqa b' ħajt. Ngħid illi biex wieħed jaċċedi għal din il-kamra jrid jgħaddi minn ġo sqaq privat li huwa tagħna imbagħad jiġi għal din il-kamra u li hemm madwar mitt (100) pied il-ġewwa mit-triq bejn din il-kamra antika u t-triq u ngħid illi* ***din il-kamra ma fihiex bieb.*** *Ma jidhirlix li hemm xi indikazzjoni li f' dan l-isqaq illi dan l-isqaq huwa privat fis-sens indikazzjoni miktuba."*

In vista ta' din ix-xhieda fejn jirrizulta li lanqas bieb ma kien hemm hemm f' din il-kamra, dan l-aggravvju tal-mezz ma ġiex sodisfaċentement ippruvat mill-Prosekuzzjoni.

Dwar l-aggravvju tal-valur, din il-Qorti terġa' tagħmel referenza għax-xhieda ta' John Mary Zammit li fit-13 ta' Lulju 2005, huwa xehed:

> *"Bħala kalkolu tal-valur li nista' ngħid dwar l-oġġetti li l-imputat ħareġ mill-kamra nikkalkulahom li kienu ta' valur totali ta' taħt il-mitt lira (Lm 100). Jiena ma nifhimx f' dawn l-affarijiet u prezzijiet pero' jien nikkonsidrahom li bħala valur kienu f' total ta' taħt il-mitt lira (Lm 100)."*

Mill-banda l-oħra, Dominic Zammit sostna fix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Jannar 2005 li:

> *"Ngħid illi .....jiena hemmhekk kelli bank tas-sagristija li jiena kont ġibtu minn San Pawl il-Baħar. Ngħid dan huwa antikita u dwar valur ma nistax ngħid għaliex huwa diffiċli biex tapprezzah għax huwa oġġett ta' antikita."*

Il-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma ressqet provi oħra dwar l-allegat valur ta' l-oġġetti li kienu ser jinsterqu. Lanqas ma ntalbet ħatra ta' espert sabiex ikun jista' jiġi komputat l-allegat valur ta' dawn l-oġġetti.

F' dan l-isfond, ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova dan l-aggravju wkoll ma jirrizultax.

**Decide:**

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 31, 41, 284, 285, 263 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil Angelo Xuereb hati tal-kwalifiki tal-valur u tal-mezz imsemmija fl-ewwel imputazzjoni izda ssib lil Angelo Xuereb hati ta' l-ewwel imputazzjoni u cioe' ta' attentat ta' serq semplici u tikkundannah ghal perijodu ta' xahrejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sena.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

**Dr Simone Grech**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**